

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-22 ta' Jannar 2015 (talba għal deciżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Stanley International Betting Ltd, Stanleybet Malta Ltd vs Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Dogane e dei Monopoli di Stato**

(Kawża C-463/13)<sup>(1)</sup>

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Logħob tal-ażopard — Leġiżlazzjoni nazzjonali — Riorganizzazzjoni tas-sistema ta' liċenzji permezz ta' allinjament temporali tal-iskadenzi — Sejħa għal offerti ġdida — Liċenzji għal tul ta' żmien iqsar minn dak ta' liċenzji antiki — Restrizzjoni — Raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali — Proporzjonalità)

(2015/C 107/09)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### **Qorti tar-rinvju**

Consiglio di Stato

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Stanley International Betting Ltd, Stanleybet Malta Ltd

Konvenuti: Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Dogane e dei Monopoli di Stato

Fil-preżenza ta': Intralot Italia SpA, SNAI SpA, Galassia Game Srl, Eurobet Italia Srl unipersonale, Lottomatica Scommesse Srl, Sisal Match Point SpA, Cogetech Gaming Srl

### **Dispożittiv**

L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE, kif ukoll il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' effettività, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-organizzazzjoni ta' sejħa għal offerti ġdida fir-rigward ta' liċenzji għal tul ta' żmien iqsar minn dak tal-liċenzji mogħtija fil-passat minħabba riorganizzazzjoni tas-sistema permezz ta' allinjament temporali tal-iskadenzi tal-liċenzji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 344, 23.11.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Jannar 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción de Marchena – Spanja) – Unicaja Banco, SA vs José Hidalgo Rueda et (C-482/13), Caixabank SA vs Manuel María Rueda Ledesma (C-484/13), Rosario Mesa Mesa (C-484/13), José Labella Crespo (C-485/13), Rosario Márquez Rodríguez (C-485/13), Rafael Gallardo Salvat (C-485/13), Manuela Márquez Rodríguez (C-485/13), Alberto Galán Luna (C-487/13), Domingo Galán Luna (C-487/13)**

(Kawża Magħquda C-482/13, C-484/13, C-485/13 u C-487/13)<sup>(1)</sup>

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — Kuntratti konklusi bejn bejjiegħa jew forniti u konsumaturi — Kuntratti ipotekarji — Klawżoli ta' interassi moratorji — Klawżoli inġusti — Proċedura għall-eżekuzzjoni ta' ipoteki — Moderazzjoni tal-ammont tal-interassi — Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali)

(2015/C 107/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### **Qorti tar-rinvju**

Juzgado de Primera Instancia e Instrucción de Marchena

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Unicaja Banco, SA, Caixabank SA

Konvenuti: José Hidalgo Rueda, María del Carmen Vega Martín, Gestión Patrimonial Hive SL, Francisco Antonio López Reina, Rosa María Hidalgo Vega (C-482/13), Manuel María Rueda Ledesma (C-484/13), Rosario Mesa Mesa (C-484/13), José Labella Crespo (C-485/13), Rosario Márquez Rodríguez (C-485/13), Rafael Gallardo Salvat (C-485/13), Manuela Márquez Rodríguez (C-485/13), Alberto Galán Luna (C-487/13), Domingo Galán Luna (C-487/13)

### Dispożittiv

L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li abbażi tagħha l-qorti nazzjonali li quddiemha tkun tressaq proċedura għall-eżekuzzjoni ta' ipoteiki hija obbligata li tikkalkola mill-ġdid is-somom dovuti abbażi ta' klawżola ta' kuntratt ta' self ipotekarju li tipprevedi interassi moratorji li r-rata tagħhom hija iktar minn tliet darbiet ir-rata statutorja, sabiex l-ammont ta' dawn l-interassi ma jeċċedix dan il-limitu, sakemm l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali:

- hija bla īxsara għall-evalwazzjoni minn din il-qorti nazzjonali tan-natura inġusta ta' tali klawżola u
- ma tipprekludix lil din il-qorti milli tnejhi din il-kawżola fil-każ li hija kellha tikkonkludi li din hija ta' natura "inġusta" fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva.

(<sup>1</sup>) ĠU C 352, 30.11.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta' Frar 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Symvouljo tis Epikrateias – il-Greċja) – Agrooikosystimata EPE vs Ypourgos Oikonomias kai Oikonomikon, Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon, Periferei Thessalias (Perifereaki Enotita Magnisias)**

(Kawża C-498/13) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Agrikoltura — Politika Agrikola Komuni — Regolament (KEE) Nru 2078/92 — Metodi ta' produzzjoni agrikola kompatibbi mar-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent u taż-żamma tal-kampanja fi stat tajjeb — Ir tirar għal żmien twil ta' art agrikola għal raġunijiet marbuta mal-ambjent — Għajnuna agro ambjentali mħallsa lill-bdiewa u kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea — Kwalità tal-benefiċjarju ta' tali għajjnuna)**

(2015/C 107/11)

Lingwa tal-kawża: il-Greċja

### Qorti tar-rinviju

Symvouljo tis Epikrateias

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Agrooikosystimata EPE

Konvenuti: Ypourgos Oikonomias kai Oikonomikon, Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon, Periferei Thessalias (Perifereaki Enotita Magnisias)